*-Sanzjonijiet minn Stat barrani*

*-ordni tal-iffriżar*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 10 ta' Mejju, 2021.**

**Rikors Nru. 110/2019 GM**

**Darren Debono ID49474M**

**vs**

**HSBC Bank (Malta) plc**

**HSBC Life Assurance (Malta) kjamati in kawża fis-7 ta' Mejju 2019**

Il-Qorti:

## FATTI

L-attur għandu żewġ poloz ta' assikurazzjoni mal-imsejħa fil-kawża; waħda '*Saving Plan'*, bin-numru 100-010739 u oħra, *Private Retirement* bin-numru 411-002304. *Life* irrifjutat li tillikwida u tħallsu r-rikavat tal-imsemmija poloz ta' assikurazzjoni minħabba li huwa milqut minn

sanzjonijiet maħruġa kontrih mill-OFAC (Office of Foreign Assets Control) tal-Istati Uniti tal-Amerika.

## TALBA

Permezz tar-Rikors Maħluf tiegħu, l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-banka ntimata ma għandha ebda dritt legali li mod unilaterali tiċħad t-talba li saritilha mir-rikorrent sabiex tillikwida u tħallas lir-rikorrent ir-rikavat mill-poloz ta' assikurazzjoni ossia '*Savings Plan'* bin-numru 100-010739 u '*Private Retirement'* bin-numru 411-002304.
2. Konsegwentement tiddikjara li l-banka ntimata għandha kif kienet mitluba tagħmel, tillikwida u tirrilaxxa r-rikavat tal-imsemmija poloz ta' assikurazzjoni a favur ir-rikorrent, flimkien mal-imgħax legali skont il-liġi.
3. Tordna lis-soċjeta' ntimata tillikwida u tirrilaxxa a favur r-rikorrent ir-rikavat tal-imsemmija poloz ta' assikurazzjoni, flimkien mal-imgħax legali skont il-liġi.

   Bl-ispejjeż, u bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċjali tal-11 ta' Diċembru 2018 kontra s-soċjeta' ntimata li tibqa' inġunta għas-subizzjoni, u b'riserva għal kull azzjoni ulterjuri għall-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni spettanti lir-rikorrent skont l-liġi.

## EĊĊEZZJONIJIET

Il-Bank konvenut (minn issa 'l quddiem imsejjaħ *Il-Bank*) eċċepixxa illi:

> "… mhuwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet tal-attur u dan għaliex il-poloz t'assikurazzjoni mertu tal-kawża ma sarux mas-soċjeta' HSBC Bank Malta p.lc., iżda ma' **HSBC Life Assurance (Malta) Limited (C-18814)**;

Kemm il-Bank kif ukoll *Life* eċċepew ukoll illi:

> 1. L-attur huwa milqut minn sanzjonijiet maħruġa kontra tiegħu mill-OFAC (Office of Foreign Assets Control) tal-Istat Amerikan.

Minħabba obbligi regolatorji, is-soċjeta' t'assikurazzjoni bhala socjeta` kkontrollata minn kumpannija li l-ishma taghha huma kwotati fuq l-borża ta' New York hija prekluża milli teffettwa l-ħlasijiet mitluba peress li hi regolata wkoll mill-gvern tal-Istati Uniti.

2. L-MFSA harget rakkomandazzjoni lill-istituti finanzjarji kollha lokali inkluz l-HSBC Life Assurance Ltd fejn *inkoraġġiethom sabiex iqisu s-sanzjonijiet mahruga mill-gvern Amerikan "when conducting business activities in view of the wide ranging applicability of these measures and the risk of significant financial actions which may have serious implications on their business activities"* (Dokument A anness).

## KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI

Ebda kopja tal-poloz ma ġiet esibita. Din kienet tkun l-aħjar prova dwar ma' min tassew ikkuntratta l-attur kif ukoll dwar il-pattijiet u kundizzjonijiet li taħthom ġew magħmula. Hi liġi espressa li l-partijiet huma obbligati jġibu l-aħjar prova. B'danakollu, wara l-eċċezzjoni tal-Bank li mhux leġittimu kontradittur, l-attur talab is-sejħa fil-kawża tal-*Life* u l-Bank irrimetta ruħhu. Il-*Life* m'eċċepietx li mhix il-leġittimu kontradittur. Għalhekk jidher mill-kondotta proċesswali li l-attur ikkuntratta mal-*Life*, anke jekk tramite l-Bank bħala parti mis-servizzi li joffri.

Din il-Qorti, diversament ippreseduta, f'kawża li fiha bank lokali ieħor rrifjuta li jirrilaxxja fondi lil soċjeta` kummerċjali li tagħha l-attur huwa azzjonist minħabba l-istess raġuni li jġibu l-konvenuti, laqgħet it-talba għar-rilaxx tagħhom.[1] Il-Qorti rraġunat, fis-sentenza ferm erudita tagħha,

[1] World Water Fisheries Limited v Bank of Valletta plc 29.09.2020 Prim'Awla, *coram* Onor. Imħallef Toni Abela

li sanzjonijiet minn Stat ieħor ma jistax ikollhom effett f'Malta, li hi Stat daqstantieħor sovran. Irrimarkat li l-MFSA ukoll għarfet dan espressament fid-direttiva li ħarġet.

Din il-Qorti tikkondividi pjenament ir-raġunament żvolt f'dik is-sentenza.

Fil-każ preżenti, huwa minnu li f'ċertu sens il-qagħda ta' *Life* hi differenti minn dik tal-Bank billi dan hu bank lokali filwaqt li *Life* hi soċjeta` kkontrollata minn kumpannija li l-ishma tagħha huma kkwotati fuq l-borża ta' New York. Min-naħa l-oħra, l-ksur tas-sanzjonijet jistgħu jissarrfu f'konsegwenzi finanzjarji mill-iktar serji, fiż-żewġ istanzi. Id-differenza hi li fil-każ ta' *Life,* ksur tas-sanzjonijiet in kwistjoni jistgħu jissarrfu wkoll fl-impożizzjoni ta' multi kbar kif ukoll f'responsabilita` kriminali tad-diretturi tagħha mposti mill-Istati Uniti. Dawn id-differenzi iżda ma jbiddlu xejn mill-fatt li *Life* hi nkorporata taħt il-liġi ta' Malta, u hi soġġetta għal-liġi ta' Malta u mhux għal-liġijiet ta' xi Stat barrani.

Fl-istess sentenza, il-Qorti rraġunat ukoll li kundizzjoni ta' din ix-xorta ma tistax titqies bħala kundizzjoni impliċita fir-relazzjoni kuntrattwali bejn bank u klijent "għaliex ma hix ċerta, notorjament magħrufa jew raġonevoli. Li klijent ikollu l-assi tiegħu iffriżati f'ċirkostanzi li qatt ma kienu magħrufa għalih u b'mod għal kollox straordinarju, jekk hi prattika bankarja bejn il-banek li jittrattaw ma' xulxin, din il-Qorti ma tqisx hekk fil-konfront tas-soċjeta` attriċi." Fil-każ preżenti, *Life* hi ditta assikuratriċi u mhux bank u għalhekk mhux każ ta' prattika bankarja; iżda r-raġunament tal-Qorti jista' jkun jgħodd *mutatis mutandis.*

Dak li tista' tieħu konjizzjoni tiegħu din il-Qorti huwa biss il-kwistjoni kif definita fil-parametri tal-premessi u t-talbiet tal-attur u l-eċċezzjonijiet

tal-konvenuta *Life*. Kull ma tippremetti s-soċjeta` assikuratriċi hu li minħabba obbligi regolatorji, bħala soċjeta` kkontrollata minn kumpannija li l-ishma tagħha huma kwotati fuq l-borża ta' New York, hija prekluża milli teffettwa l-ħlasijiet mitluba peress li hi regolata wkoll mill-gvern tal-Istati Uniti. *Life* la eċċepiet li s-sanzjonijiet huma parti mil-liġi ta' Malta, la li kien hemm xi klawżola espliċita jew impliċita fil-poloz in kwistjoni li jaħsbu għall-eventwalita` tas-sanzjonijiet *de quo*, u lanqas li hemm xi prattika internazzjonali – li jammontaw għal liġi bħala użu kummerċjali - segwita mid-ditti tal-assikurazzjoni meta jiġu ffaċċjati b'sanzjonijiet bħal dawn. Lanqas jidher li eċċepiet li t-theddida ta' sanzjonijiet jikkostitwixxu forza maġġuri. L-eċċezzjoni tagħha li hi marbuta b'obbligi regolatorji f'pajjiż barrani ma treġix għaliex hija bħala kumpannija kummerċjali rreġistrata f'Malta taqa' taħt il-liġi ta' Malta li, apparti dak li sejjer jingħad fil-paragrafu li jmiss, ma timponilha l-ebda ostaklu milli ssarraf il-polza tal-attur.

L-attur, fir-Rikors Maħluf tiegħu, jippremetti wkoll li "fi kwalunkwe każ wkoll ma teżisti ebda ordni ta' ffriżar ta' assi bankarji jew xorta oħra maħruġa minn xi awtorita kompetenti f'Malta u anqas fl-ebda stat ta' Unjoni Ewropea". B'danakollu, fil-mori tal-kawża, preċiżament fil-25 ta' Novembru 2020, il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja ħarġet *freezing order* fil-konfront tal-attur.[2] Għalhekk *Life* fil-preżent hi miżmuma b'ordni tal-Qrati Maltin milli tirrilaxxja r-rikavat tal-polza. Din l-ordni tikkostitwixxi *ius superveniens* li l-Qorti ma tistax tinjora.

***DECIDE***

[2] Kopja informi esibita a fol 156

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-HSBC Bank (Malta) plc u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.

2. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara li **HSBC Life Assurance (Malta)** Ltd. ma kellha ebda dritt li mod unilaterali tiċħad t-talba li saritilha mill-attur sabiex tillikwida u tħallsu r-rikavat mill-poloz ta' assikurazzjoni ossia '*Savings Plan*' bin-numru 100-010739 u '*Private Retirement*' bin-numru 411-002304.

3. Tilqa' b'mod kondizzjonali t-tieni talba billi tiddikjara li **HSBC Life Assurance (Malta)** Ltd. għandha kif kienet mitluba tagħmel, tillikwida u tirrilaxxa r-rikavat tal-imsemmija poloz ta' assikurazzjoni a favur ir-rikorrent, kemm-il darba titneħħa l-ordni ta' ffriżar.

4. Tilqa' b'mod kondizzjonali t-tielet talba billi tordna lil **HSBC Life Assurance (Malta)** Ltd. biex tillikwida u tirrilaxxa a favur l-attur ir-rikavat tal-imsemmija poloz ta' assikurazzjoni kemm-il darba titneħħa l-ordni ta' ffriżar.

Fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż jinqasmu nofs bin-nofs bejn l-attur u l-imsejħa fil-kawża u l-imgħax legali jiddekorri biss mid-data tat-tneħħija tal-ordni tal-iffriżar.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA